MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 152/2009

**A B**

**-vs-**

**C D u b'digriet tad-19 ta' Jannar 2010 gie nominat fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-10 ta' Mejju 2010 giet kjamata in kawza l-minuri E D D u bl-istess digriet il-konvenuta C D giet nominata bhala kuratur legali tal-istess minuri E D D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B, li in forza tieghu, wara li ppremetta:

Illi l-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta illi minn tali relazzjoni, il-konvenuta kellha tifla kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid li jgib in-numru 488 tal-2007 immarkat Dok. CF1.

Illi minn dan ic-certifikat jigi konfermat illi l-isem tal-missier mhux maghruf.

Illi r-relazzjoni bejn l-attur u l-konvenuta ma kinitx kompliet u jghixu hajja separata.

Illi l-attur huwa genetikament missier il-minorenni u dan skond l-artikolu 86 tal-Kodici Civili.

Illi l-attur interpella lill-konvenuta f'Awissu 2008 sabiex tersaq ghall-att pubbliku a rikonoxximent izda l-konvenuta baqghet ma resqitx tali att ta' rikonoxximent.

Illi l-konvenuta hija konxja illi l-attur huwa l-missier naturali tat-tifla minorenni E D hekk kif jirrizulta mill-annessa ittra datata 5 ta' Awissu 2008 u mmarkata Dok. CF3.

Illi minkejja dan, il-konvenuta baqghet iccahhad lill-attur milli jigi rikonoxxut bhala l-missier u ghaldaqstant kellu jintavola din il-kawza.

Ghaldaqstant, tghid il-konvenuta ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara ai termini tal-Artikolu 86 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-attur huwa l-missier tal-minorenni E D li twieldet fil-5 ta' Frar 2007 skond ic-certifikat tat-twelid bin-numru 488/07 u li konsegwentament kull fejn hemm irregistrat 'unknown father' jigi registrat isem l-attur u cioe' A B bin E B u F nee' G imwieled Pieta'.

Konsegwentament tordna n-notifika tal-istess sentenza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat id-digriet tad-19 ta' Jannar 2010, li permezz tieghu gie msejjah fil-kawza d-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha eccepiet:

Illi l-intimata taqbel mat-talba tar-rikorrent li huwa l-missier naturali u biologiku tal-minuri E.

Illi l-intimata ma taqbilx li hi oggezzjonat li jsir att ta' rikonoxximent u dan kuntrarjament ghal dak premess mir-rikorrent u dan jirrizulta mill-istess ittra legali li esebixxa r-rikorrent stess immarkat bhala Dokument CF3.

Illi, ghalhekk, l-intimata m'ghandhiex tbati l-ispejjez li ghandhom jigu ssoportati mill-esponent.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li in forza taghha eccepixxa:

Illi fl-ewwel lok huwa indispensabbli ghall-integrita' tal-gudizzju li tigi msejha fil-kawza l-minuri E D li ghandha tkun debitament rapprezentata minn kuratur jew tutur mahtur mill-Qorti;

Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess dwar il-mertu tal-kawza, l-esponent umilment jirrileva illi huwa m'huwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat, senjatament dwar il-paternita' tal-minuri E D, u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghad-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi migjuba ghandhom ikunu l-ahjar u kif ukoll sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi;

Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponenti jinvita lill-istess rikorrenti sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita', (3) l-eta' tieghu meta twieldet it-tifla, (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldet it-tifla, (6) isem u kunjom ta' missieru, u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldet it-tifla E D. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid numru progressiv 488 tas-sena 2007;

Illi bla hsara ghas-surriferit, il-partijiet kontendenti jridu ukoll jiddeciedu liema kunjom ha tassumi l-imsemmija minuri E D fl-eventwalita' li tintlaqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti. Dan qed jigi rilevat in ottika tal-Artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrent m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat id-digriet tal-10 ta' Mejju 2010, li permezz tieghu giet imsejha fil-kawza l-minuri E D D.

Rat li saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi r-rikorrent f'din il-kawza qed jitlob li jigi rikonoxxut bhala missier il-minuri E D D li twieldet lil C D u li giet registrata bhala wild missier mhux maghruf.

Ir-rikorrenti pprova ghas-sodisfazzjon ta' din il-Qorti dak li jallega. Dan ghamlu bl-aqwa prova, l-ezami xjentifiku li gie konfermat bil-gurament mill-Ispizjara Marisa Cassar.

**Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba u tiddikjara li l-minuri E D D hija wild naturali ta' A B. Il-Qorti tordna li fl-Att tat-Twelid Nru. 488/07, mill-

kolonna bil-konnotati tal-missier ghandhom jithassru l-kliem “missier mhux maghruf” u jitnizzlu minflok il-konnotati ta’ A B, Nru. tal-Karta tal-Identita’ 436284(M), imwieled Pieta’ u residenti l-Mellieha, tal-eta’ ta tnejn u ghoxrin (22) sena, iben H (haj).

L-ispejjez jithallsu minn C D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------